**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Mario Gatt**

Numru: 53/2015

Illum 2 ta' Lulju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Mario Gatt**, ta' sitta u tletin (36) sena, bin Robert u Mary neé Desira, imwieled gewwa H'Attard nhar il-31 ta' Ottubru 1978, residenti gewwa St. Agatha Complex, Block 2, Flat 401B, Vjal l-Indipendenza, Zurrieq u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 523478M

akkuzat talli matul il-jum tat-12 ta' Jannar 2015, gewwa tas-Sliema u gewwa dawn il-Gzejjer:

1. waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Volkswagen Golf TDI 105 bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Rainer Mader, detentur tal-Passport Germaniz bin-Numru 905833773, bi ksur tal-Artiklu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Volkswagen Golf TDI 105 bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont, bi ksur tal-Artiklu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65;

3. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara, hassar jew gharraq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ZAC 013 ghad-dannu ta' Isaac Borg, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 496976(M), liema hsara tkun izjed minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro1,164.69), bi ksur ta' Artiklu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara, hassar jew gharraq vettura bin-numru ta' registrazzoni ABJ 593 ghad-dannu ta' Annabelle Wismayer, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 154872(M) u jew ta' persuni jew entitajiet ohra, liema hsara tkun izjed minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro1,164.69), bi ksur ta' Artiklu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, bhala xufier tal-vettura Volkswagen Golf TDI 105 bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829 naqas li jieqaf u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-

indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f'incident li jinvolvi offiza fuq il-persuni u meta giet ikkagunata hsara lil xi vettura, bi ksur ta' Artikolu 89 tal-Kapitolu tal-L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mil-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' sejbien ta' htija, il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti biex tiskwalifika lill-hati mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan u biex ukoll tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JFS 7" – *a fol.* 26).

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "JFS 8" – *a fol.* 27) datat 14 ta' Jannar 2015 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tieghu ordna li l-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 94/15 (*a fol.* 38 *et seq.*) li jirrigwarda l-Inkjesta Magisterjali rigward l-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni, liema Process Verbal gie maghluq in segwitu ta' talba f'dan is-sens peress li jumejn wara l-incident stadali *de quo* l-imputat gie mressaq il-Qorti akkuzat b'diversi imputazzjonijiet.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 83 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 98), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet uhud mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 192 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2019, lix-xhud prodott mid-difiza (*a fol.* 224 *et seq.*), f'liema seduta d-difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz (*a fol.* 223).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-22 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 234 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2019, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 244 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 50 *et seq.*) fejn spjega li gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali sabiex jigbor CCTV *footages* li jezistu fit-triq fejn sar l-incident. Jghid li kien wiehed mill-ewwel esperti li wasal fuq il-post u spjega li mar fejn kien il-Joinwell fejn gie *downloaded* l-ewwel CCTV *footage* (cioé fejn l-allegata vettura dahlet f'vettura ohra u baqghet sejra) u aktar il-quddiem ngabar *CCTV footage* iehor fejn inqabad l-incident kollu

jsehh. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015, xehed ukoll **Il-Perit Valerio Schembri** (*a fol.* 52) fejn spjega li gie nominat biex jaghmel pjanta tax-xena fejn gara l-incident. Jghid li ghamel is-segwenti pjanti: wahda fejn instab il-katavru, ohra fejn allegatament beda l-incident vicin il-hanut u ohra fejn finalment instabet il-vettura, cioé qrib is-Surfside. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "VS" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015, xehed ukoll **Joseph Zammit** (*a fol.* 54 *et seq.*) fejn spjega li l-ghada tal-incident ezamina l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829. Jghid li sab li kellha hsara estensiva l-aktar fuq il-parti frontali tan-naha tax-xellug taghha u fejn il-partijiet kienu mahbutin kienu mmarkati b'zebgha ta' xi vetturi kif ukoll kien hemm marki ta' kulur ahmar jixbhu hafna d-demm u kien hemm ukoll *human tissue* u xaghar imwahhal fuq in-naha tax-xellug tal-*windscreen*. Jghid li rrizultalu li l-vettura in kwistjoni kienet f'kundizzjoni gdida u ma sab l-ebda difett fuqha u li fir-rigward ta' brejkijiet kienet ghadha tajba wkoll. Jghid li t-*tyre* ta' quddiem tax-xellug kien mifqugh u mcarrat. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JZ" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015, xehed **Mario Buttigieg** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nkarigat bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Jispjega li rrizultalu li l-imputat kien ghaddej bil-vettura tieghu fejn l-ewwel habat go Peugeot 106 li kienet ipparkjata quddiem Riel's Florist, baqa' sejjer dritt fejn habat go vettura pparkjata li kienet fil-kantuniera fil-vicinanzi tal-lukanda Preluna, f'liema hin il-vittma Rainer Mader kien qieghed wara l-vettura pparkjata (Chevrolet) u qala' daqqa fejn tqactitlu saqajh barra u miet fuq il-post tal-incident. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*Envelope Loose*). Ikkonstata li l-hsarat li garrbet il-vettura Peugeot 106 kienu, bejn wiehed u iehor, ta' hames mitt Euro (€500) u li l-vettura Chevrolet garrbet hsarat li jlahhqu is-sebat'elef, mija u tletin Euro (€7,130). Mistoqsi jghid jekk kienx possibbli johrog il-velocita' li biha kienet ghaddejja l-vettura

in kwistjoni, wiegeb: *"Ma stajtx. L-ewwel nett ma kelliex fuq xiex nohrog, it-tieni nett il-kwistjoni kienet li anke kien hemm xhud li qal li kien ghaddej kien f'certu mumenti, xhud iehor li bhalissa ma nistax niftakar min hu, li waqqa' l-velocita' tieghu anke ghal fifteen (15) kilometers per hour, jigifieri qieghda mnizzla hemmhekk"* (*a fol.* 59). Jghid li huwa ra l-vettura pparkjata quddiem il-Gelateria f'Fond Ghadir u rrizultalu li l-vettura nstaqet ghal distanza twila fuq ir-*rim*, li jghid li din hija xi haga mhux facli. Jghid li hemm, bejn wiehed u iehor, mija u hamsin/mitejn metru. Jghid li t-*tyre* ta' quddiem tax-xellug kien splodut. Ghad-domanda: *"Mill-esperjenza tieghek, persuna biex timmanuvra u ssuq vettura b'dawk il-hsarat huwa possibbli?"* (*a fol.* 60), wiegeb: *"Difficli, trid taghmel a counter reaction b'sahhitha hafna. Anke bazikament ikollok slow puncture ukoll jibda jinnokja l-isteering, ghax jibda jigbidlek hafna fuq in-naha tax-xellug"* (*a fol.* 60). Jghid li l-*windsreen* tal-vettura Golf kienet imkissra u li maghha kien hemm xaghar kif ukoll *human tissue*.

In <u>kontro-ezami</u>, gie mitlub jikkjarifika li ried jirreferi ghal Hotel Roma u mhux Hotel Preluna. Ikkonferma li mexa fuq ir-*rim*. Jghid li t-*tyre* kien litteralment mifqugh, imcarrat. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm it-*tyre*, wiegeb: *"Imma litteralment kien fragments, mhux shih, mhux puncture kien, kien litteralment cluttered"* (*a fol.* 61). Ghad-domanda: *"U haga ohra, l-area tal-windscreen affettwata bid-daqqa kienet il-windscreen kollha jew xi parti tal-windscreen fuq xi naha minnhom?"* (*a fol.* 61), wiegeb: *"Fuq in-naha tal-left ukoll"* (*a fol.* 61). Ikkonferma li dan kien fejn ha l-impatt il-vittma. Mistoqsi jghid kif kienet il-*windscreen* quddiem ix-xufier, wiegeb: *"Ifhem ghax imbaghad ix-xquq ha jibqghu jigru ghal san-nofs jigifieri, fuq in-naha tad-driver kien sew"* (*a fol.* 62).

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 186 *et seq.*), meta gie mistoqsi jghid jekk hux minnu li meta gie biex jipprova jidentifika l-kagun tal-habta *de quo*, huwa ma ndikax dan, wiegeb: *"Ehe, skond ix-xhieda li gbart, jigifieri rrizulta li bdiet minn fejn qabel kien hemm Joinwell illum sar in-Next imbaghad baqghet kompliet ghal din via sa fejn giet pparkjata l-karozza"* (*a fol.* 186).

Dr. Joe Giglio: *"Jigifieri inti speed eccessiv ma stabbilejtx ghax inti ma hadtx u ma dhalt fil-kwistjoni ta'"*

Xhud: *"Ma stajtx nidhol fiha dik"* (*a fol.* 186).

[…]

Dr. Joe Giglio: *"Mela ara jekk hux qed nifhem tajjeb, jekk dan l-incident sehh konsegwenza ta' black out, inti f'dan il-punt ma dhaltx, ma missejtux?"*

Xhud: *"No ma dhaltx fiha din il-bicca tax-xoghol."*

Dr. Joe Giglio: *"Ha nipprova nfakkrek allura ftit izjed, inti gialadarba ma kellimtx il-persuna ta' Mario Gatt, f'dan il-kaz ma kellimtux ghax kien rikoverat l-iSptar jew?"*

Xhud: *"Jekk mhux sejjer zball il-Magistrat Inkwirenti kellha s-sistema li l-imputat ma jigix mitkellem mill-espert imma jigi nvestigat mill-Pulizija"* (*a fol.* 187).

Jghid li ma jafx fejn kien sejjer l-imputat.

Dr. Joe Giglio: *"Mela allura, ha nkun zgur li fhimt ir-rapport tieghek li inti qed taghmel hawn, huwa rapport fejn qed taghmel rikostruzzjoni tal-fatt illi sibt kif ukoll qed teskludi x'seta' kkaguna l-impatt, vizibilita', triq ma dhaltx fl-aspett ta' speed u ma dhalx lanqas fl-aspett ta' black out".*

Xhud: *"Le ghax biex nidhol fl-aspett ta' speed dak irid ikollok certu distanza issa dan gara li hu litteralment mexa minn meta sehh l-ewwel impatt sa fejn instabet il-karozza kien hemm distanza konsiderevoli jigifieri dan mhux xi haga impatt bum ibbrejkja u waqaf jew waqfet hi minhabba li kien hemm xi fattur. Jigifieri dan ma nistax nohrog dak it-tip ta' rizultat ghax jien ma nafx jekk il-karozza kinitx qeghda deceleration jew inkella jekk kienx hemm acceleration fiha din il-kwistjoni"* (*a fol.* 188).

Dr. Joe Giglio: *"Dato ma non concesso, illi t-tyre in kwistjoni seta' intlaqat fit-tieni impatt, nghid tajjeb illi between 10 to 15 kilometers inti tista' tikkontrolla mbaghad il-karozza tieghek".*

Xhud: *"Yes timxi fuq ir-rim biss iva taghmel il-hsara iva imma"* (*a fol.* 189).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **PS 1033 Sandro Mangion** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tat-12 ta' Jannar 2015 ghall-habta ta' 11.45am kien fil-vettura tas-servizz tiela' Triq it-Torri tas-Sliema flimkien ma' zewg kuntistabbli ohra. Jghid li gie mwaqqaf minn Tiziana Debattista li kellha l-vettura pparkjata fil-genb tat-triq int u tiela' Triq it-Torri u qaltlu li kienu ghadhom kemm laqtuha permezz ta' vettura Golf ta' kulur iswed bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829 liema vettura baqghet sejra. Jghid li qalilha biex tibqa' fejn kienet u baqa' fil-vettura tas-servizz u setgha jinnota li aktar il-quddiem kien hemm kommozzjoni fejn ragel informah: *"Nahseb qatlu"* (*a fol.* 64). Jghid li mar mal-ewwel fuq il-post, ra ragel mal-art, wiccu l-isfel ftit il-boghod minn vann, fejn kellu sieq maqlugha minn postha u kien hemm hafna bicciet ta' laham imxerdin mat-triq kollha. Jghid li gie nfurmat li dan ir-ragel kien intlaqat minn Golf ta' kulur iswed. Jispjega li talab l-assistenza u li wara gie nfurmat li l-vettura nvoluta nstabet quddiem fejn hemm gelaterija fejn hemm is-Surfside madwar nofs kilometru l-boghod minn fejn kienu huma. Jghid li r-ragel li kien mal-art gie ccertifikat mejjet fuq il-post. Jixhed li wara xi hin mar l-iSpettur u marru fejn kien hemm l-imputat. Jghid li l-imputat kien ipparkjat u li mieghu kien hemm Pulizija tal-RIU. Jispjega li minn tfittxija li saret fil-vettura tal-imputat mill-iSpettur fil-prezenza tieghu (ta' PS 1033), l-iSpettur sab *sachet s*uspettata raza tal-*cannabis*. Jghid li meta kienu fuq il-post, ghal kull domanda li staqsa lill-imputat, l-imputat beda jghidlu: *"Ma nafx x'gara, ma nafx x'gara, ma niftakarx x'gara"* (*a fol.* 65). Jghid li l-imputat qallu li rrealizza li kellu l-vettura mkissra u li kellha hafna hsarat x'hin gie mwaqqaf mill-Pulizija. Jghid li fil-parti ta' quddiem tal-vettura, specjalment fuq in-naha tal-passiggier, kien hemm ticpis qisu xaham u laham uman man-naha tal-*bonnet* u man-naha tal-fanal. Jghid li l-imputat gie mehud l-

Ghassa tal-Pulizija u sarlu *breathalyser test* li rrizulta fin-negattiv. Meta gie muri l-okkorrenza li tinsab immarkata bhala Dok. "JFS 3" (*a fol.* 8 *et seq.*) ikkonferma li dan huwa r-rapport li gie inserit dakinhar minnu u mis-Surgent David Sant.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **PS 778 David Sant** (*a fol.* 67 *et seq.*) fejn spjega li fit-12 ta' Jannar 2015 kien gie mghajjat minn PS 1033 sabiex imur jassistih minhabba habta li kien hemm gewwa Ghar id-Dud, tas-Sliema. Jghid li meta wasal fuq il-post setgha jinnota li gie mtajjar persuna li kienu ghadhom ma jafx min hu. Jghid li hu ha hsieb iz-zona u li PS 1033 mar jassisti lill-iSpettur ghax kellhom informazzjoni li x-xufier tal-vettura nvoluta kien gie mwaqqaf mill-membri tal-RIU fejn hemm il-Gelateria. Jispjega li waqt li kien qieghed josserva u jara li kollox jigi prezervat qabel jaslu l-esperti, marret fuqu certu Tiziana Debattista u spjega x'qaltlu. Jghid li qaltlu li kienet f'hanut, semghet daqqa li xi hadd dahliha fuq il-vettura taghha, f'liema hin harget minn gol-hanut, u setghet tara li l-vettura li laqtitha baqghet sejra sa ma tajret lill-persuna li miet. Jghid li hi tatu n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li dahlet fil-vettura taghha.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015, xehdet ukoll **Tiziana Debattista** (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut waqqfet il-vettura tax-xoghol Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 593 quddiem Riel's Pet Shop, f'Triq it-Torri, Sliema sabiex taghmel *delivery* hemm. Tghid li dahlet gol-hanut, ghamlet id-*delivery*, hadet il-pagament u kif kienet qed tiffirma l-affarijiet, f'daqqa wahda semghet hoss kbir: *"u l-karozza timxi laqtuhieli"* (*a fol.* 69). Tghid li l-vettura tax-xoghol soffriet danni peress li giet milquta minn Golf sewda bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829 li ratha ghaddejja fid-dritt lejn id-direzzjoni ta' Triq it-Torri, lejn id-direzzjoni tal-Preluna. Tghid li nzertat waqqfet vettura tal-Pulizija li kienet ghaddejja u qaltilhom li kien hemm xi hadd laqtitha l-vettura. Mistoqsija tghid jekk ratx l-impatt bejn il-vettura li laqtet il-vettura li kienet biha, wiegbet: *"Smajtu"* (*a fol.* 71). Taqbel li giet mitluba ggib stima tal-hsarat li kien hemm fil-vettura u ezebiet tali stima li giet immarkata bhala Dok. "TD" (*a fol.* 74). Tghid li hadet il-vettura hi stess sabiex issir stima u li l-istima hija fl-ammont ta' €755.26. Tghid li l-vettura

ssejjah lil Annabelle Wismayer. Mistoqsija tghid kif kienet qed tinstaq din il-vettura li dahlet fil-vettura tax-xoghol, wiegbet: *"Ma nafx ghax jiena qed nghidlek kont gol-hanut x'hrigt imbaghad ergajt mill-hanut rajtu jserrep u daqshekk"* (*a fol.* 72).

**Tiziana Debattista** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 134 *et seq.*)[1] fejn xehdet fuq l-istess linji li xehdet fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015. Tghid li hekk kif dahlet gol-hanut u kienet ser tibda tikteb, f'daqqa wahda semghet hoss kbir u dawwret rasha u rat il-vettura li kienet biha, ratha miexja, harget u semghet daqqa, hoss kbir, u rat vettura Peugeot sewda sserrep u li go fiha kien hemm persuna wahda. Tghid li kienet ghaddejja vettura tal-Pulizija, waqfitha u qaltilhom x'kien gara. Kieku kellha tara lill-persuna li kien fil-vettura li bdiet isserrep, tghid li taghrfu. Tghid li lil dan il-persuna ma ratu gej minn imkien. Mistoqsija tghid f'liema parti tal-vettura baqa' diehel, tghid fuq il-genb ta' wara tal-lemin u fuq ir-rota ta' wara tal-lemin.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2015, xehed **PC 1478 Julian Grima** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn qal li fit-12 ta' Jannar 2015 ghall-habta ta' nofsinhar neqsin kwart (11.45am) kien qieghed *patrol* fl-inhawi ta' tas-Sliema fejn gie mghajjat sabiex imur f'Triq it-Torri, Sliema ghax kien gie mtajjar xi hadd u l-vettura li tajritu baqghet sejra. Jghid li gie nfurmat sabiex ifittex Golf ta' kulur iswed bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829 liema vettura nstabet ipparkjata bejn zewg vetturi fejn hemm Ta' Kolina Restaurant.

Jixhed: *"Jien kont ma' PC 1399, jien kont qieghed insuq, kif rajt il-karozza pparkjata ersaqna ma' genbha, jien kont ix-xufier u hrigt minn naha tal-lemin u hu hareg min naha tax-xellug, fetah il-bieba u sibna lis-Sur Gatt idejh ma' wiccu hekk fuq l-isteering. […] Idejh ma' wiccu u rasu baxxuta hekk fuq l-isteering, lanqas induna bina, ftahnielu l-bieba ahna, ghidltu: "X'ghamilt ibni?", jien"* (*a fol.* 77-78).

[1] Verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2016: *"Dr. Giglio jiddikjara li stante li l-imputat ma kienx prezenti ghas-seduta tal-lum, minhabba ragunijiet indikati fir-rikors tieghu a fol. 120, u stante li x-xhud Tiziana Debattista ma setghetx tidentifika lill-imputat waqt is-seduta tal-lum, Dr. Giglio jiddikjara li ma kienx hemm htiega ta' tali identifikazzjoni, stante li d-Difiza tirrikonoxxi li l-imputat kien effettivament qed isuq il-vettura li saret riferenza ghaliha minn Debattista waqt id-depozizzjoni taghha"* (*a fol.* 127).

Xhud: *"Qalli: "x'ghamilt, M'ghamilt xejn". Ghidtlu: "X'ma ghamilt xejn", ghidtlu: "ohrog minn gol-karozza ha nghidlek x'ghamilt", ghidtlu: "ara l-karozza kif inhi. Bil-windscreen mifqugh bid-daqqa u baqa' jghidli li ma ghamel xejn. Imbaghad ghidtlu: "Ghoqod hawnhekk issa jghidulek x'ghamilt". Infurmajt lill-control room li sibna l-vettura, giet l-assistenza u fi ftit minuti sibt lis-Sur Sultana fuq il-post u l-kollegi tieghu"* (*a fol.* 78).

Jghid li l-vettura kellha daqqa kbira fuq in-naha tax-xellug, u li kellha l-*windscreen* imkisser kif ukoll ir-rota li kellha *puncture*. Identifika lill-imputat prezenti fl-awla. Ikkonferma li l-iSpettur Jason Francis Sultana ghamel tfittxija fil-vettura u li sab xi haga fil-vettura pero' ma jafx ezatt x'instab.

**Eks PC 1478 Julian Grima** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn qal l-istess affarijiet li xehed fuqhom fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2015 pero' jghid li kienu gejjin min naha tal-Balluta. Jghid li l-vettura li kien fiha l-imputat kellha daqqa kbira fuq in-naha tax-xellug u mad-daqqa kien hemm bicciet tal-laham tad-demm.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 106 *et seq.*), mistoqsi jghid jekk rax lill-imputat li deher konfuz ta' x'gara u ma garax, wiegeb: *"Iva kien konfuz pero' qisu ma kienx jaf x'gara jew haga jew ohra, ma nafx nghid jien x'hass hu"* (*a fol.* 107). Jghid li ra lill-imputat konfuz hafna. Jghid li l-imputat kien ipparkjat bejn zewg vetturi u li *"d-daqqa ma tindunax biha int u ghaddej ghax ahna konna gejjin min naha tal-Balluta pero' peress li ahna konna nfurmawna li qed infittxu l-karozza kif rajna Golf morna maghha"* (*a fol.* 107).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2015, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jason Francis Sultana** (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn ipprezenta borza li tikkontjeni pakkett tabakk, pakkett karti tat-trembil u bicca zghira sustanza ta' lewn kannella suspettata li hi rezina tal-*cannabis*, liema oggetti gew elevati minnu fit-12 ta' Jannar 2015 minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829 tal-ghamla Volkswagen sewda liema oggetti baqghu ghandu.

In kontro-ezami, mistoqsi jghid minn liema parti tal-vettura dawn l-oggetti gew elevati, wiegeb li dawn gew elevati mill-*pouch* fuq in-naha ta' wara tas-seat tal-passiggier.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, xehed **PC 1399 Keith Schembri** (*a fol.* 108 *et seq.*) fejn spjega li fit-12 ta' Jannar 2015 ghall-habta ta' nofsinhar nieqsin ghaxra ta' filghodu (11.45am) filwaqt li kien xoghol, dahal rapport mill-*control room* li kienet involuta Volkswagen Golf ta' kulur iswed *hit and run* go Triq it-Torri, tas-Sliema. Jghid li marru fuq il-post fejn hemmhekk raw lill-Pulizija tad-distrett u qalulhom li l-vettura baqghet sejra, wrewhom id-direzzjoni lejn fejn kienet marret, fl-oppost taghhom, daru, saqu u sabu l-Volkswagen Golf ipparkjat ma' genb bankina. Jghid li l-vettura sabuha fi Triq it-Torri quddiem il-hanut Gelateria u li l-persuna kienet l-imputat li staqsieh (PC 1399 lilu) biex jinzel mill-vettura ghax dak il-hin l-imputat kien ghadu fiha u l-imputat nizel. Jghid li sema' lill-kollega li kien mieghu jistaqsi lill-imputat jekk jafx x'kien gara u li *"bil-kalma kollha innega qalilna "jien m'ghamilt xejn" dak il-hin. X'hin nizel mill-karrozza qalilna bil-hsara li kellha l-karozza fuq quddiem u stajna nsibu wkoll anke xi fdalijiet tal-laham u anke xaham"* (*a fol.* 108). Spjega xi hsara kellha l-vettura in kwistjoni. Mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel l-imputat fil-vettura meta nstab, wiegeb: *"Kien qed ihares 'l quddiem l-isteering jigifieri ma kien qed jaghmel xejn"* (*a fol.* 108).

In kontro-ezami ikkonferma li huwa kien fil-vettura ma' PC 1478 Julian Galea. Jixhed li hu hareg l-ewwel mill-vettura u li PC 1478 Galea nizel ezatt warajh. Mistoqsi jghid kif kienu jdejn l-imputat f'dak il-mument partikolari, wiegeb: *"Ma niftakarx"* (*a fol.* 109). Mitlub jghid jekk innutax li l-imputat kien qed jistrieh fuq l-i*steering wheel* bhal ma nnota siehbu, wiegeb: *"Le ma kienx qed jistrieh. Le kien bil-qeghda normali"* (*a fol.* 109).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, xehed ukoll **PC 953 Gennaro Vassallo** (*a fol.* 111 *et seq.*) fejn spjega li fit-12 ta' Jannar 2015 ghall-habta ta' nofsinhar nieqsin ghaxra ta' filghodu (11.45am) kien fil-vettura tas-servizz flimkien ma' PS 1033 u l-Pulizija Spiteri fejn f'hin minnhom waqt li kienu ghaddejin minn Triq it-Torri waqfithom

certu Tiziana Debattista u qaltilhom li kienet ghaddiet vettura Golf b'velocita' qawwija fejn tathom ukoll in-numru ta' registrazzjoni tal-imsemmija vettura u cioé JBP 829. Jghid li din Debattista qaltilhom li din il-vettura laqtitilha l-vettura u baqghet sejra. Jghid li baqghu jsuqu ha jaraw jarawx din il-vettura u ezatt kif waslu qabel il-Pjazzetta waqfithom persuna ohra u qaltilhom li din l-istess vettura bl-istess numru kienet laqtet ragel li kien mixhut mal-art u li x'aktarx kien mejjet. Jixhed li baqghu sejrin fuq il-post fejn setgha jinnota li kien hemm ragel wiccu l'isfel mal-art, li kien jidher li kien bla hajja u s-Surgent u l-Pulizija l-iehor baqghu sejrin hdejn dan ir-ragel u hu (PC 953) mar jikkontrolla t-traffiku. Jghid li nnota li ftit il-boghod minnu kien hemm bicciet tal-laham mal-art u li r-ragel kien wiccu 'l isfel wara vann Isuzu.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, xehed ukoll **Stephen Cachia** (in rapprezentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 113) fejn qal li minn ricerka li saret fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829 irrizulta li din il-vettura hija Volkswagen Golf ta' kulur iswed registrata fuq Mario Gatt, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 523478(M)) u li ilha hekk registrata mill-11 ta' Novembru 2011. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed dwarha li giet immarkata bhala Dok. "SC 1" (*a fol.* 114 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2016, xehdet **Dr. Marisa Cassar** (*a fol.* 129 *et seq.*) fejn ikkonfermat li kienet nominata bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Hija ezebiet r-rapport redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 130 *et seq.*) fejn ikkonkludiet is-segwenti:

> *"Il-profili genetici li hargu mill-kampjuni 15ACT12, 13 u 14 huma kollha tal-istess ragel"* (*a fol.* 132).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 138a *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali rigward incident stradali li sehh fit-12 ta' Jannar 2015 fejn tilef hajtu Rainer Mader. Jghid li hu acceda fuq il-post u ezamina l-kadavru u li ezamina wkoll lill-imputat. Jghid li wara li l-imputat ta l-kunsens tieghu, ittiehdulu kampjuni ghat-tossikologija. Jixhed: *"ghandi r-*

*rizultati ta' Dr. Michael Scott-Ham li jindikaw li kien hemm uzu ricenti ta' cannabis f'xi hin qabel ma ttiehed il-kampjun izda ghalkemm wiehed ma jistax jghid ezattament meta ttiehed il-cannabis huwa possibbli li Mario Gatt kien affettwat mill-effetti tad-droga fil-hin tal-incident. Kien hemm ukoll evidenza ta' sodium valproate. Sodium valproate hija droga li tintuza ghal epilepsija jew ghal hass hazinijat u dan huwa anti-epileptic drug"* (*a fol.* 138a). Jghid li rrizulta li l-mewt ta' Rainer Mader kienet kagunata mit-trauma vjolenti subita minnu. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MS 1" (*Envelope Loose*).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 177 *et seq.*), mistoqsi jghid jekk hax nota tal-hin li huwa ha l-kampjun minn fuq l-imputat meta l-imputat ittiehed fl-Ghassa ta' tas-Sliema, wiegeb: *"Hin nahseb li hemm fir-relazzjoni. Dak il-hin kont mort, kien hemm il-Magistrat Inkwirenti l-Ghassa"* (*a fol.* 177). Meta nghad lilu li dan il-hin ma jirrizultax u li hemm il-hin ta' meta l-Magistrat Inkwirenti li spjega lill-imputat li jekk ried setgha jaghti dan il-kampjun u jekk ried setgha ma jaghtihx, wiegeb: *"Dak il-hin stess hadtu, kont fil-prezenza tal-Magistrat"* (*a fol.* 178). Ikkonferma li l-imputat qal lill-Magistrat Inkwirenti li kien qed jiehu l-*epilim* wahda kuljum fejn spjega ghala jehodha. Saritlu riferenza ghal konkluzjoni bin-numru disgha fir-rapport tieghu (Dok. "MS 1" – *Envelope Loose*), fejn jghid: *"Illi mir-rizultati tossikologici li saru fuq Mario Gatt kien hemm indikazzjoni t'uzu ricenti ta' cannabis f'xi hin qabel ma ttiehed il-kampjun izda ghalkemm wiehed ma jistax jghid ezattament meta ttiehdet il-cannabis, huwa possibli illi Mario Gatt kien affettwat mill-effetti tad-droga fil-hin tal-incident. […]"* (*a fol.* 61 tar-rapport Dok. "MS 1" – *Envelope Loose*). Jghid li din mhijiex konkluzjoni li wasal ghaliha hu pero' nghad hekk skond ir-rizultati ta' Mr. Scott-Ham.

Dr. Joe Giglio: *"Pero' jien allura din hija d-domanda tieghi, your paragraph nine is nothing more than a reproduction of the last paragraphs of Scott-Ham?"*

Xhud: *"Jien l-importanti f'paragrafu 9 li ghamilt emfazi fuq sodium valproate li vera jiehu s-sodium valproate ghax hu kien allega niftakru fil-bidu li kien qed jiehu an anti-epileptic drug, hawnhekk gie kkonfermat vera in low*

*therapeutic dose imma jien biex naccenna li vera dan kien qieghed fuq anti-epileptic drugs."*

Dr. Joe Giglio: *"Pero' ghal dak li huwa low therapeutic dose inti qed tirriproduci dak li qed jghid Scott-Ham".*

Xhud: *"Dak li qed jghid Scott-Ham skont ir-rizultat"* (*a fol.* 179-180).

Ikkonferma li wiehed mit-*trade names* tas-*sodium valproate* huwa fil-fatt l-*epilim*. Jikkonferma wkoll li minkejja li fir-rapport ta' Scott-Ham hemm indikat li l-hin tal-incident kien l-10.00am (*a fol.* 151), dan ma kienx minnu u li l-incident sar wara. Meta nghad lilu li, fir-rapport tieghu, Scott-Ham kiteb li l-kampjuni ttiehdu ghall-habta tas-2.00pm (*a fol.* 151), u mistoqsi jghid jekk hemmx qbil li dawn ittiehdu fis-1.20pm, wiegeb: *"Bejn wiehed u iehor ghax fil-kaz ara kieku per ezempju fil-kaz ta' alkohol bhalma ddiskutejna l-ahhar darba, dak jaffettwa ghax imbaghad ikun hemm, pero' fil-kaz ta' sodium valproates, it is a constant drug jigifieri anke jekk ttiehdu ghaxar sieghat wara, l-livell mhux ser jifflactuatja"* (*a fol.* 181). Ikkonferma wkoll li anke fejn hemm indikat fir-rapport ta' Scott-Ham li l-kampjun tal-awrina ttiehed fl-10.36am huwa zbaljat. Mistoqsi jghid ghala l-kampjun tal-awrina llikja, wiegeb: *"Normalment jillikjaw anke d-demm. Issa qeghdin jiehdu prekawzjonijiet specjali, bil-pressure tal-ajruplan gie li johrog il-fluid minnhom il-kampjuni ghandna problema b'dik".* (*a fol.* 182). Ikkonferma li r-rwol tieghu kien li jiehu l-kampjuni. Jghid ukoll: *"l-iskop ghaliex hadnielu d-demm huwa specifikament biex naraw jekk hux vera qed jiehu l-epilim u jekk johodhom, il-koncentrazzjoni taghha"* (*a fol.* 183). Meta nghad lilu li l-hinijiet indikati fir-rapport ta' Scott-Ham iridu jigu aggustati minhabba dak li nghad hawn fuq, xehed: *"Fuq is-sodium valproate tista' ma … xejn ghaliex dak huwa kostanti, kieku hadnih anke gurnata wara dan ma kienx ser ivarja kwazi xejn. Fuq il-cannabis li jista' jkun li jvarja xi ftit"* (*a fol.* 183). Ikkonferma li jaghmel sens li l-imputat jiehu *anti-epileptic drug* jekk kellu dijanjosi ta' *temporal cavernoma*.

Dr. Joe Giglio: *"My question is: inti ma rrizultalek li hu kien qed jiehu aktar jew anqas minn dak li n-newrologu tieghu kien qed jippreskrivilu?"*

Xhud: *"Le n-newrologu jtih id-doza li jwaqqghu fit-therapuetic range issa jekk tkun baxxa jista' jkun li forsi non-compliant u jista' jkun li forsi ghadu ma adjustjax id-doza n-newrologu fhimtha"* (*a fol.* 184).

Meta nghid lilu minn Dr. Joe Giglio li ma kienx fehem, Dr. Giglio rega' staqsa: *"Inti ma dhaltx fl-issue dwar jekk Mario Gatt huwiex qed jiehu aktar jew anqas mid-doza li n-newrologu tieghu ppreskrivilu"* (*a fol.* 184), wiegeb: *"Le ma dhaltx fiha"* (*a fol.* 184).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, xehed ukoll **Ix-Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 138c) fejn spjega li kien gie mahtur bhala espert sabiex jaghmel analizi fuq il-kontenut ta' *envelope* li kien immarkat bhala Dok. "JS". Jghid li ghamel l-analizi tieghu u spjega x'irrizultalu. Jghid li m'hemmx indikat il-purita' peress li l-ammont kien ftit. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 1" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2017, xehed **Mr. Michael Scott-Ham** (*a fol.* 146 *et seq.*) fejn spjega li Dr. Mario Scerri hadlu kampjuni sabiex isiru fuqhom testijiet tossikologici. Jghid: *"I then took samples to a laboratory to a … subcontract the analytical work and pass the items over to a gentleman by the name of Mr. Luke Jones and then those tests were carried out at my instruction"* (*a fol.* 146). Jghid li gie analizzat il-kampjun tad-demm ghal tracci ta' drogi u alkohol u li ma ttiehidtx konjizzjoni tal-kampjun tal-awrina. Jispjega li l-kampjun tad-demm ittiehed madwar erba' sieghat wara l-incident. Jghid: *"Now, within that time, if any alcohol had been present, it could only have been at a low level so alcohol is not an issue"* (*a fol.* 146). Jghid ukoll: *"that shows that Mr. Gatt had used cannabis or cannabis resin at some stage prior to that blood sample being taken. Now to detect THC in a blood sample four hours after a crash show along with the magnitude the scale of the THC detected this is likely consistent with relatively recent use of cannabis and quite likely on the night of the question or of the morning of the crash so*

*it's fairly recent and the fact that THC acid is high, shows that Mr. Gatt was a regular heavy user of cannabis around that time as well. Obviously taking cannabis and driving is not a good combination as it can have all sorts of effects on driving ability"* (*a fol.* 146). Rigward is-*sodium valproate*, jghid li rrizulta li l-koncentrazzjoni kienet pjuttosta baxxa. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk din il-koncentrazzjoni baxxa setghetx ikollha effett fuq l-abilita' tas-sewqan tal-imputat, wiegeb: *"It's not likely to effect the ability to drive but obviously, if taken insufficiently, then you might be more prone to having an epileptic fit"* (*a fol.* 147). Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MSA 1" (*a fol.* 149 *et seq.*). F'dan ir-rapport huwa wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *"1. Mario Gatt had used cannabis at some stage prior to sampling. Although it is not possible to say exactly when he had last used cannabis it is quite likely that it would have been on the night before, or on the morning of the crash. Therefore he may have been affected by the drug at the time of the crash.*
>
> *2. Although valproate, a drug commonly used to treat epilepsy, was detected the concentration was at the low end of the therapeutic range, which might suggest that either he was taking a low dosage, or that he had not taken it for a day or two beforehand.*
>
> *3. There was no evidence to suggest that Mario Gatt had recently consumed alcohol or used any of the other drugs tested for and he would not have been under their influence at the time of the crash"* (*a fol.* 160).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018, xehed l-imputat **Mario Gatt** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 192 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa jahdem il-Bank of Valletta fuq IT fejn qal li jipprocessaw kull cekk li jidhol fil-bank imsemmi. Jghid li ilu f'dan ix-xoghol ghal tnejn u ghoxrin sena. Jispjega li huwa mizzewweg u li ghandu tifla ta' sitt snin u li l-genituri tieghu jghixu tas-Sliema, fin-naha fejn hemm l-iSpizerija Chemimart fi Qui-Si-Sana Road. Jghid li dakinhar tal-akkadut kien gej miz-Zurrieq, qabad it-telgha ta' Triq

it-Torri u kien sejjer lejn id-dar tal-genituri tieghu f'tas-Sliema u li, jekk jiftakar sew, kienu bejn it-8.00am/id-9.00am pero' qal li ma jiftakarx ezatt. Jispjega li jiftakar il-hanut tan-Next f'tas-Sliema, fejn kien hemm il-Joinwell, *"imbaghad niftakar ragel ihabbatli mal-hgiega tal-karozza 'l bqija ma niftakar assolutament xejn x'gara"* (*a fol.* 193). Mistoqsi jghid fejn kien meta dan ir-ragel beda jhabbatlu fuq il-hgiega tal-vettura, wiegeb: *"Beda jhabbatli kif qbizna l-Preluna"* (*a fol.* 193). Jghid li beda jhabbatlu mat-tieqa tal-passiggier tal-vettura fin-naha tal-Fortizza. Mistoqsi mill-Qorti jekk setghax ikun aktar il-quddiem, wiegeb: *"Jista' jkun. Ma niftakarx ezatt"* (*a fol.* 194). Mistoqsi dwar dan ir-ragel li beda jhabbatlu mat-tieqa, jghid: *"F'daqqa wahda naf li rajtu miexi mal-karozza u jhabbatli biex nieqaf"* (*a fol.* 194). Mistoqsi jghid jekk ghandux xi kondizzjoni medika, qal li fis-sena 2012 martu bdiet tinnota moviment waqt li kien rieqed u li l-ghada qam normali pero' ittiehed ghand it-tabib tal-familja u b'ordni talbu jmur l-iSptar immedjatament. Jghid li minn testijiet, *check-ups* u minn MRI rrizulta li kellu *cavernoma*. Spjega li dan huwa meta jkollok vini maghqudin go parti delikata tal-mohh. Jghid li ghal bidu beda jiehu l-pilloli *epilim* tal-500mgs u biz-zmien bdiet toghla d-doza. Jghid li fil-bidu bil-pilloli kien imur tajjeb pero' qal li fil-hin tax-xoghol beda jinnota qisu vojt go mohhu ghal ftit sekondi. Mitlub jispjega, qal: *"Vojt fis-sens li tkun qed taghmel xi haga u mbaghad qisek tehel ghal ftit sekondi, sekonda jew tnejn l-aktar imbaghad ovvjament tigi f'tieghek imma jkollok dik il-problema li ma tkunx taf x'ghamilt f'dawk is-sekondi"* (*a fol.* 195). Mistoqsi jghid jekk kienx mar ghand xi tabib iehor, jghid li mar ghand Dr. Norbert Vella li huwa newrologista. Jghid li Dr. Vella kien spjegalu li jbaghti minn tip ta' *epilepsy* jisimha *absence seizures*. Mistoqsi jghid jekk qattx iddiskuta ma' Dr. Vella dwar x'setgha jsir dwar din il-kondizzjoni, wiegeb li kien ikollu dwejjaq u nervi u kien jirsisti lil Dr. Vella biex jara x'ha jaghmel biex is-sekondi jikkontrollahomlu. Jghid li fil-fatt gie moghti pillola ohra bl-isem ta' *keppra*. Jispjega li ghal bidu baqa' jghollilu d-doza ftit ftit bil-pilloli sakemm forsi setghu jeliminaw dawk is-sekondi. Mistoqsi jghid jekk giex diskuss li kellu bzonn jaghmel intervent kirurgiku, wiegeb: *"Ghal bidu ma haduhiex in consideration minkejja r-riskju kbir li kien fiha. Kien approwcjani niftakar Professur iehor hawn Malta imma ma ried b'xejn joperani minhabba r-riskju kbir li kien fiha"* (*a fol.* 196). Jghid li minhabba l-*absence seizures*

gie mitlub specifikament biex ma jitlax slielem u ma jghumx fil-fond wahdu. Jghid li qatt ma nghata xi projbizzjonijiet ohra. Mistoqsi jghid kemm kienu frekwenti dawn is-*seizures*, wiegeb: *"Ma taqbdilhomx art, imma normalment darba sa darbtejn fil-gimgha, kont ikkalkulajt, darba darbtejn l-iktar, l-iktar tliet darbiet fil-gimgha, imma mhux aktar"* (*a fol.* 197).

Jghid li wara li dak il-persuna li semma' qabel mar ihabbtlu l-hgiega, jiftakar li marru Pulizija u x'hin bdew jghidulu x'kien gara, hu baqa' totalment imbellah *"ghax ma kontx naf li gara l-incident bqajt ninsisti li ma garax incident"* (*a fol.* 197). Jghid li fehem li kien gara l-incident meta ra certu hsarat li kellu fil-vettura li ma kienux hemm qabel. Jghid li bhala hsara l-aktar li spikkat kienet il-*windscreen* tal-vettura. Mitlub ghar-reazzjoni tieghu meta nghad lilu li kien involut f'incident, wiegeb: *"L-ikrah haga meta qaluli li kien hemm persuna nvoluta l-vittma. Dak il-hin xejn bdejt nirtoghod, hassni hazin, niftakar bdejt nhewden u ninkwieta, dwejjaq kbar mill-ewwel il-hin kollu nsaqsi lili nnifsi kif jista' jkun gara' dan kollu u jien ma' niftakar assolutament xejn. U ovvjament bdiet taqbadni soghba kbira l-mument li qaluli li kien hemm din il-vittma"* (*a fol.* 198). Jghid li kieku kien f'sensieh ma kellu l-ebda problema assolutament li jieqaf tant li l-vettura kienet inxurjata *full*. Mistoqsi dwar meta kien arrestat qabel tressaq il-Qorti, jixhed: *"ma rqadt xejn, ma stajtx norqod, il-hin kollu nipprova niftakar x'seta' gara, heqq bdejt nimmagina l-windscreen imkisser, nahseb f'dawk il-windscreen imkisser, bdejt nimmagina d-demm u ovvjament kull mument niftakar fil-vittma, kissirtu mohhi nipprova niftakar x'seta' gara. Il-hin kollu nhewden qed nghidlek il-hsieb ma setax johrog minn mohhi. Il-hin kollu nahseb kif jista' jkun ma niftakar xejn"* (*a fol.* 198). Jghid li qatt ma tah *seizure* waqt li kien qed isuq. Jghid: *"Assolutament le lanqas f'daqshekk kobor dejjem sekonda jew tnejn jigifieri xi haga daqshekk kbira qatt ma esperjenzajtha ghax kieku emminni lanqas nimxi fit-triq wahdi ma kont, ahseb u ara kemm insuq"* (*a fol.* 199).

Jghid li nghata ghazla u li kellu dritt li jirrifjuta li jittehidlu d-demm. Jghid li mal-ewwel ta l-permess li jittiehidlu d-demm fejn qal li beda jinsisti li kien taht il-kura tal-*epilim*. Mistoqsi jghid x'ghamel wara li gie rilaxxat mill-arrest, jghid li ghamel kuntatt mal-iSpecjalista tieghu Dr. Norbert Vella *"biex jaghtini spjegazzjoni x'gara, xi grali go*

*mohhi ghax kont ser niggennen"* (*a fol.* 199). Jghid li regghu nbdew it-testijiet u kompla jaghfas li, minkejja r-riskju kollu, ried li jaghmel l-operazzjoni sabiex tissewwa l-kondizzjoni. Jixhed: *"Ovvjament wara esperjenza kerha u ma tistax tikkontrolla mohhok u certu affarijiet ma tistax tiftakarhom bdiet toqtolni l-haga minn gewwa ridt bilfors naghmilha avolja kellha riskji enormi"* (*a fol.* 200). Mitlub jikkumenta fuq il-fatt li fil-kors tal-interrogazzjoni tieghu kien spjega xi haga dwar xi uzu ta' *cannabis*, qal li kien juza l-*cannabis* pero' mhux b'mod regolari. Jghid: *"Just f'certu okkazjonijiet kont niltaqa' ma' certu klikka ta' hbieb u iva nammetti, iva kont xi kultant inkompli maghhom"* (*a fol.* 200). Jghid li kien iddiskuta din il-kwistjoni tal-uzu tal-*cannabis* mal-konsulenti tieghu, fejn qal: *"kont staqsejtha lil Dr. Ludvic Zrinzo li kien gie Malta biex joperani u assikurani li wahda ma tmurx assolutament kontra l-ohra"* (*a fol.* 200). Qal li Dr. Zrinzo qallu li kienu qed jipproponuha barra minn Malta biex tikkontrolla l-*epilepsy*.

Jghid li, minkejja r-riskju, f'Ottubru 2016 saret l-operazzjoni f'Malta peress li Dr. Ludvic Zrinzo gab l-apparat apposta Malta. Jixhed: *"Ghamilt rikoverat nahseb bejn xahar u nofs sa xahrejn kont rikoverat u ovvjament biz-zmien bdejt inhossni gurnata wara l-ohra kont dejjem qed nimmiljora. Kien avzani li jista' jkollok naqra vojt go mohhok kif dejjem hassejt ghal bidu minhabba xi tbengil u minhabba l-qasma li kelli go mohhi u fil-fatt hekk gara imma biz-zmien jekk Alla jrid bqajt immur ghall-ahjar sakemm eliminajnihom ghal kollox"* (*a fol.* 201). Jghid li mindu gara dan il-kaz huwa qatt ma saq u li minn MRI li sarlu rrizulta li dak li kien hemm tnehha. Jghid ukoll li l-pilloli nqatghu bil-mod il-mod. Jixhed: *"ftit ilu kelli vizita ohra ghandu u awtorizza bhala medical bhala xi hadd mediku, tani l-go ahead li nista' nsuq"* (*a fol.* 201).

Jghid li madwar hamest'ijiem qabel l-incient kienet zdieditlu pillola gdida. Jixhed: *"Hu kien ipprova, jien peress li bqajt nilmenta li kienu jaghtuni dawn il-ftit sekondi jigifieri hu qalli ejja nippruvaw nesperimentaw b'pinnola ohra u hallatili mal-epilim u tani l-keppra u nzerta ftit qabel ma nafx jekk hux erbat'ijiem jew hamest'ijiem qabel, ghandi miktub jigifieri meta kelli l-appuntament l-ahhar l-iSptar"* (*a fol.* 203). Mistoqsi jghid ghal liema raguni kienet dovuta d-decizjoni li jieqaf isuq, apparti dik li tah it-tabib minhabba l-operazzjoni, wiegeb: *"Kienet dovuta ghall-fatt ghax jien bqajt ninsisti li gara xi haga u*

*ma niftakar assolutament xejn. Ovvjament kont ta' periklu kbir minn dak il-hin l'quddiem u nassigurak li ma kontx ser insuq zgur"* (*a fol.* 203). Jghid li din id-decizjoni hadha fil-gurnata tal-incident. Jghid li beda anke jibza' jimxi wahdu fit-triq. Jixhed li ma jiftakarx jekk kienx avza lil Dr. Giglio fuq xi haga rigward sewqan meta tressaq il-Qorti pero' jghid li dak il-hin ma riedx jaf b'vettura. Mitlub jghid kif laqtu dan l-incident, wiegeb: *"Ghadni, biex nghidlek il-verita', ghadni sallum irrabjat li dan il-povra vittma li hemm. Dik l-unika haga li laqtitni l-iktar u dik sallum sa dalghodu stess nibqa' nahseb fil-persuna"* (*a fol.* 204). Jghid li kien mar ghand Psikjatra u Psikologu fejn jghid: *"accertawni li as such ma kelliex trawma bdew jfehmuni li jien ma kellix trawma tal-incident imma totalment frustrazzjoni go mohhi biex nipprova niftakar x'seta' gara"* (*a fol.* 204). Jghid li ma tghaddiex siegha li jistaqsi kif jista' jkun li gara dan kollu u ma jiftakar assolutament xejn. Jghid: *"Ma stajtx naccettaha l-haga. Ma stajtx naccettaha. Ridt inkun naf ezatt xi grali go mohhi. Dik l-importanti"* (*a fol.* 205).

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi dwar l-incident jghid li l-ewwel haga li jiftakar huwa l-hanut Next u mbaghad il-persuna thabbatlu. Jghid li dan il-persuna kien wiehed pajzan. Jixhed: *"Dak il-hin ovvjament meta beda jhabbatli, nkun onest mieghek, bdejt nghidlu "Xi trid? X'naqsek?". Ovvjament imbaghad baqa' jinsisti u niftakar iktar 'l quddiem qbadt il-karozza u l-ewwel post li sibt ipparkjajt. Ovvjament kont tas-Sliema ma stajtx inhalliha kif inhi"* (*a fol.* 205). Jahseb li beda jigi f'tieghu quddiem il-Preluna, faccata tal-Fortizza. Jghid li meta gie f'tieghu kien qed isuq. Mitlub jghid meta kien l-ahhar li kkonsma l-haxixa, wiegeb: *"Ghax ippruvajt nahseb, ftit qabel il-kaz jekk miniex sejjer zball kien it-Tnejn, ma nafx jekk hux fil-weekend kont niftakar hadt xi nifsijiet u ghal habta tal-Milied u New Year iva pejjipt xi joints"* (*a fol.* 206). Meta nghad lilu li l-espert qal li kien *"heavy user during the night or morning of the accident"* u xi jwiegeb ghaliha, qal: *"Assolutament jien fil-fatt bqajt imbellah jien ma nafx ezatt kif jikkalkulaw bhala doza jew le imma iva vera ma nafx jekk hux is-Sibt jew il-Gimgha iva kont pejjipt"* (*a fol.* 206). Jghid li fl-ewwel tas-sena jew fil-Milied kien pejjep xi *joints* shah wahdu pero' qabel l-incident kompla biss ftit nifsijiet l'hemm u l-hawn, izda ma jafx jekk hux il-Gimgha jew is-Sibt. Mistoqsi jghid jekk qabel l-incident qattx staqsa lit-tabib jekk il-*cannabis* setghetx taffetwa l-medikazzjoni li kien qed jiehu,

wiegeb: *"Le ifhimni li kieku nahseb kont regular user kont insaqsih. Peress li nahseb forsi pejjipt darbtejn f'sena, tlieta f'certu okkazzjonijiet, ma hassejtx dik il-htiega"* (*a fol.* 206).

Meta nghad lilu: *"Spjega naqra kif kellek tyre mifqugh inti f'liwja ta' kwazi ninety degrees u kont kapaci timmanuvra l-karozza mill-hin li lqattha sa fejn wasalt hdejn il-Preluna. Jekk inti tkun mitluf minn sensik u ma tkunx taf x'inti taghmel"* (*a fol.* 207), wiegeb: *"Ghalhekk kissirt mohhi nipprova niftakar x'kien gara ghalhekk ghamilt minn kollox biex din l-operazzjoni sehhet ma nistax nghidlek ghax hemm gap li ma nistax assolutament niftakar xejn x'kien gara"* (*a fol.* 207).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2019, xehed **Dr. Norbert Vella** (*a fol.* 224 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Consultant Neurogolist* u li huwa c-Chairman tad-Dipartiment tan-NeuroScience fl-iSptar Mater Dei. Jghid li ilu jaf lill-imputat minn Lulju 2012 meta l-imputat mar ghandu ghal *second opinion* fuq accessjonijiet ta' epilesija li kienu bdew f'Marzu 2012. Jispjega meta tigri accessjoni u jaghti dettalji medici dwarha. Spjega x'accessjonijiet taw lill-imputat. Jghid li rrizulta li l-kawza tal-problema kienet *cavernoma* li jispjega li huwa difett fil-vini tal-mohh. Jghid li hafna drabi wiehed jitwieled bihom u dawn jintebhu bihom f'awtopsja pero´ jghid li xi kultant jiggenneraw bil-mod tal-accessjonijiet. Ta aktar dettalji medici u jghid li ghall-ewwel l-imputat inbeda fuq medicini biex jipprova jikkontrolla u li hu ma rrispondiex ghal zewg medicini. Jghid li kellhom jispiccaw biex l-imputat jigi riferut biex tigi estratta l-*cavernoma* li kellu, fejn jghid li dan kien ta' success ghax minn dak iz-zmien 'l hawn wara qisu xahrejn mill-operazzjoni waqfu l-accessjonijiet u minn dak iz-zmien ma kellux aktar. Jghid li hafna drabi l-imputat kien ikollu kwazi diffikolta' li jiddeskrivi x'qed ihoss. Jghid li, sa fejn jaf hu, l-imputat ma kienx jaqa' mal-art pero' jghid li kien ikollu ftit sekondi li ma jkunx konxju ta' dak li jkun qed jigri madwaru mbaghad jerga' jkompli dak li jkun qed jaghmel. Jghid li l-maggoranza kienu bhal dawn u li dawn ma setghux jigu kkontrollati peress li l-kbar kienu kkontrollati bil-medicina. Ikkonferma li l-imputat kien imur ta' spiss ghandu. Jghid li jista' jkollok sitwazzjoni fejn tkun qed tahsel il-platti, taghtik accessjoni, kompli tahsel il-platti pero' ma tafx li hsilt il-platti li jghid li tissejjah

*automatism*. Jghid li f'dan il-kaz imur *into automatic behaviour* fejn kien qed jahsel il-platti, jibqa' jahsel il-platti u mbaghad jigi f'tieghu u jirrealizza, per ezempju, jekk kien hemm sitt platti fis-sink issa fadal erbgha u hu fil-frattemp hasel tnejn. Jghid li f'kaz ta' accessjoni meta tigi tipprova tiftakar x'gara f'dawk il-mumenti ssib vojt. Jghid li meta gie realizzat li bil-medicina l-*automatism* baqa' ghaddej, sar dak li jissejjah *multi-discipline team meeting* fejn jittiehdu ideat ta' haddiehor. Jghid li fil-kaz tal-imputat, l-operazzjoni saret f'Malta pero' jghid li saret minn *surgeon* li jahdem Londra li gie apposta Malta biex jaghmililu. Mistoqsi jghid x'wassal biex tittiehed id-decizjoni biex isir l-intervent, wiegeb ghax ma setghux jikkontrollaw l-accessjonijiet hfief tal-imputat. Jghid li wahda mill-kollegi li kienet qed tassisti lilu (lil Dr. Norbert Vella) kienet rat lill-imputat l-*outpatients* fis-6 ta' Jannar 2015. Jghid li hu (Dr. Norbert Vella) kien ra lill-imputat fi Frar 2015 fejn l-imputat qallu li kien involut f'incident u tah x'jifhem li kellu nuqqas ta' *awareness* ghal ftit sekondi u speci kien qisu f'*automatic behaviour*. Jghid li kien ziedlu d-doza tal-*epilim*. Jghid ukoll li fil-kaz tal-imputat gie deciz li l-beneficcju tal-intervent kien ser ikun ahjar mir-riskji tal-intervent. Ghad-domanda jekk huwa personalment qattx ta struzzjonijiet lill-imputat biex ma jsuqx, wiegeb: *"Jien ma niftakarx li qatt tajtu jigifieri ma niftakarx"* (*a fol.* 231). Jghid li l-konsulent lokali ma kienx qed ihossu daqshekk komdu li jopera minhabba r-riskji li tkellem fuqhom. Ikkonferma li fis-6 ta' Jannar 2015 id-doza tal-*epilim* kienet zdiedet ghall-imputat pero' ma gharafx ezatt b'kemm. Mistoqsi jghid jekk l-imputat riedx li jsir l-intervent, wiegeb: *"Ahna meta offrejnijlu ma niftakarx l-ewwel reazzjoni tieghu imma eventwalment kienu qisu entuzjastiku qisu he wanted to get rid of the problem. Issa hafna drabi it is not written in stone illi you always get rid of the problem imma fil-kaz tieghu we are on the right track u nisperaw li iktar ma jghaddi zmien iktar ic-cans ta' problemi jonqos"* (*a fol.* 232). Ghad-domanda: *"Jekk nissugerilek li kien hemm anke insistenza min naha tieghu biex din l-operazzjoni finalment issir?"* (*a fol.* 233), wiegeb: *"Fl-ahhar zgur niftakar, fil-bidu kif nghidlek ma niftakarx l-ewwel reazzjoni tieghu, dak li jkun tghidlu li ser toperah fuq mohhu ma nahsibx"* (*a fol.* 233). Ikkonferma li huwa rrilaxxa dokument immarkat bhala Dok. "A" (*a fol.* 219) u kkonferma wkoll il-kontenut tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi riferenza sejra ssir f'dan l-istadju ghal dawk ix-xhieda li xehdu biss quddiem l-Espert Mario Buttigieg u li baqghu ma xehdux quddiem il-Qorti.

- **Isaac Borg** (*a fol.* 6 tar-rapport Dok. "MB" – *Envelope Loose*) jghid li dakinhar tal-akkadut kellu l-vettura tieghu Chevrolet mudell Pick-Up bin-numru ta' registrazzjoni ZAC 013 ipparkjat gewwa Triq it-Torri, Sliema. Jghid li kien fil-vettura jibghat messagg minn fuq il-*mobile* tieghu, meta f'daqqa wahda hass daqqa fuq wara. Jghid li bid-daqqa l-vann tieghu mexa lagenba. Jghid li sa dak il-hin il-vittma ma kienx rah u li kif hareg minn gol-vettura ra lill-vittma mal-art. Osserva li bid-daqqa l-vittma spicca bla saqajn waqt li wiccu kien qed ihares lejn l-art. Jghid li ma jafx minn fejn gie s-sewwieq li laqat lilu (lil Borg) u li ma jafx min laqatlu l-vettura tieghu. Jghid li waqt li kien fuq il-post marru xi nies u tawh in-numru tal-vettura li kienet laqtitu, liema numru ta' registrazzjoni kien JBP 829.

- **Anthony Vella** (*a fol.* 7 tar-rapport Dok. "MB" – *Envelope Loose*) spjega li dakinhar tal-akkadut hu u martu kienu fuq il-bankina f'tas-Sliema fuq in-naha tax-xellug fejn hemm hanut tal-fjuri. Jghid li waqt li kienu qed jitkellmu ma' habib taghhom, sema' hoss ta' habta, fejn Golf ta' kulur skur baqghet diehla fil-genb ta' Peugeot li kien hemm ipparkjata fi Triq it-Torri u jghid li l-Golf *"carried on weaving from side to side at a high velocity"* (*a fol.* 7 tar-rapport). Jghid li s-sewwieq tal-Golf kien qed isuq f'nofs tat-triq u hekk kif qabez il-*junction* baqa' diehel go Chevrolet. Jghid li f'dan il-hin il-vittma kien wara t-trakk meta f'daqqa wahda x-xufier tal-Golf baqa' diehel fuq in-naha ta' wara tat-trakk u b'hekk il-vittma nqabad bejn zewg vetturi. Jghid li bl-impatt, il-vittma ghola *"and projected between five to six metres away"* (*a fol.* 8 tar-rapport), mentri l-vettura pparkjata giet imcaqalqha minn wara. Jghid li mar hdejn il-vittma fejn ra li siequ l-leminija kienet maqtugha u dik xellugija kienet *"badly damaged"* (*a fol.* 8 tar-rapport). Jghid li f'dak il-mument il-vittma kien qed jiehu n-nifs fil-fond.

- **Cecil Cassar** (*a fol.* 9 tar-rapport Dok. "MB" – *Envelope Loose*) xehed li dakinhar tal-akkadut kien bil-qieghda fuq wiehed mill-bankijiet li hemm fil-*promenade*. Jghid li kien bil-qieghda bejn il-lukanda Preluna u l-Mediterranean Bank. Jixhed li kien qed ihares lejn il-bahar fejn, f'hin minnhom, sema' hoss kbir u hekk kif qam ra Golf sewda qed tigi misjuqa b'velocita' ta' 10-15 km.f.s.. Jghid li ra li l-*windscreen* tal-vettura kien mkisser u li naha minnu kien kompletament distrutt. Jixhed: *"The front wheel was extensively damaged and I could hear the rubber and the alloy wheel scraping the road surface"* (*a fol.* 10 tar-rapport). Jghid li x-xufier baqa' jsuq. Jixhed: *"I watched the car passing the left hand next to the Fortizza and I decided to run after the car. He pulled over the car next to the restaurant Ta' Kolina"* (*a fol.* 10 tar-rapport). Jghid li x-xufier hareg mill-vettura jhares u rega' dahal gewwa, hu qasam it-triq, *"where I spoke to him and he asked me what he had done"* (*a fol.* 10 tar-rapport). Jghid li deher sorpriz b'dak li kien gara. Jixhed li ra vettura tal-Pulizija ghaddejja u nforma lill-Pulizija fejn kienet il-vettura u x-xufier. Jghid: *"When I spoke to him the driver said that he just had a puncture"* (*a fol.* 10 tar-rapport).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kaz odjern huwa wiehed kriminali li nstema' u ser jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u b'hekk dak li nghad hawn fuq ghandu jigi applikat ghal kaz odjern u dana b'differenza ta' kawza civili quddiem Qorti Civili li tibbaza l-gudizzju taghha fuq bilanc ta' probabilitajiet. Di fatti, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Attard vs. Anthony u Marija konjugi Attard** deciza fid-29 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghal sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-

30 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs. Joseph Meilak** fejn inghad is-segwenti:

> *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

**Ikkunsidrat**

Illi l-atti processwali jaghmlu riferenza ghat-12 ta' Jannar 2015 meta l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829 f'tas-Sliema fejn l-ewwel huwa habat ma' vettura li kienet ipparkjata fil-genb tat-triq u aktar tard habat ma' vettura ohra fuq il-parti ta' wara taghha bil-konsegwenza li gie maqtul *pedestrian* certu Rainer Mader li nqabad bejn il-vettura tal-imputat u din il-vettura l-ohra, cioé dik bin-numru ta' registrazzjoni ZAC 013, li l-vittma kien warajha.

Illi eventwalment ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat, fejn l-imputat gie akkuzat bis-segwenti: b'omicidju involontarju, b'sewqan bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz, bi hsara nvolontarja, b'nuqqas ta' waqfien u b'nuqqas li jaghti d-dettalji tieghu wara li kien involut f'incident ta' traffiku u b'pussess semplici ta' *cannabis*.

Illi filwaqt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 234 *et seq.*) il-Prosekuzzjoni ssostni li ghandha tinstab htija fl-imputat fir-rigward ta' dak li gie akkuzat bih u dana ghar-ragunijiet indikati minnha fis-sottomissjonijiet imsemmija, fis-sottomissjonijiet orali taghha (*a fol.* 244 *et seq.*) id-difiza, filwaqt li rrimettiet ruhha ghall-atti processwali

fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni, sahqet li m'ghandhiex tinstab htija fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra addebitati fil-konfront tal-imputat u dana *stante* li d-difiza tikkontendi li l-element formali tar-reat huwa kompletament nieqes minhabba li fil-mument tal-incident l-imputat kien qieghed ibaghti minn stat illi medikament huwa meqjus bhala *automatism.*

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Omicidju Involotarju)</u>**

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Sewqan Bi Traskuragni U/Jew B'Mod Perikoluz)</u>**

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Hsara Involontarja)</u>**

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Nuqqas Ta' Waqfien u Ghotja Ta' Dettalji Wara Involviment F'Incident Ta' Traffiku)</u>:**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju ghandha taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet hawn fuq elenkati.

Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-imputat gie djanjostikat b'*temporal cavernoma* fil-mohh u li kien ibaghti minn tip ta' *epilepsy* li jisimha *absence seizures* u li kellu l-kundizzjoni ta' *automatism*. Jirrizulta wkoll li l-imputat gie operat b'success f'Ottubru 2016 (*Vide* Dok. "CS" – *a fol.* 121 *et seq.*, Dok. "A" – *a fol.* 219 u Dok. "X" – *a fol.* 243). Sfortunament, apparti l-hsarat kagunati fil-vetturi, f'dan il-kaz tilef hajtu persuna innocenti bl-isem ta' Rainer Mader. Bhala parentezi l-Qorti tinnota li din kienet sitwazzjoni tipika ta' fejn il-persuna innocenti msemmija kienet fil-post zbaljat fil-mument zbaljat u dana peress li Mader safa' mejjet bil-konsegwenza ta' dak li gie mismugh tul dan il-process gudizzjarju. Huwa ta' diqa kbira l-fatt li persuna innocenti tisfa' mejta b'dan il-mod, cioé b'incident

stradali li kellu daqshekk konsegwenzi tragici u koroh. Pero' lil hinn mis-sensittivita' li wiehed jista' jinhakem bih f'dan il-kaz, dak li trid tara u tanalizza l-Qorti f'din is-sentenza huwa jekk l-imputat ghandux jigi misjub hati ta' dak li qed jigi akkuzat bih.

Huwa fatt ben maghruf li kif jinnota l-Profs. Mamo fin-Noti tieghu li:

> *"The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the old legal maxim: actus non facit reum, nisi mens sit rea. The act alone done does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these as the* *<u>material</u>* *and the* *<u>formal</u>* *conditions of liability. The material condition is the doing of some* *<u>act</u>* *by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal condition, on the other hand, is the mens rea or guilty mind, with which the act is done. It is not enough that a man had done some act which, on account of its mischievous tendencies or results, the law prohibits: before the law can justly punish the act, an enquiry must be made into the mental attitude of the doer. For although the act may have been materially or objectively wrongful, the mind and will of the doer may have been innocent. The distinction between the material and formal wrong-doing has long been familiar in moral philosophy. The material badness of an act depends on the actual nature, circumstances and consequences of it. Its formal badness depends on the state of the mind or will of the actor. The madman who kills his keeper offends materially but not formally; so also with him who in invincible ignorance breaks the rule of right. Material without formal wrong-doing is no ground of culpability"* (Pagna 56 tan-Noti).

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel riferenza ghal dak li kiteb il-Profs. Mamo fin-Noti tieghu meta tkellem fuq is-

somnabulizmu u l-ipnotizmu. Minkejja li l-kaz odjern ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dawn it-tnejn, pero' dak li jikteb dwarhom il-Profs. Mamo huwa interessanti hafna ghall-kaz odjern. Fuq is-somnabulizmu, huwa jikteb hekk:

> *"For which reason, almost all writers, old and modern, are in agreement that no men can be held criminally liable for anything done by him in his sleep. Some writers, it is true, have suggested that such a man might conceivably be held accountable by reason of negligence (culpa) if, knowing himself to be subject to the somnambulistic habit and being able to foresee that this might lead him to violate the law, he did not take the necessary precautions to prevent this happening. But in any such exceptional case, any punishment which the law could inflict at all, would not be for the act done <u>in sleep</u>, but for the failure to take the necessary care when awake."* (Pagna 93-94 tan-Noti).

Fuq l-ipnotizmu, il-Profs. Mamo jghid hekk:

> *"Hypnotism is difficult to define. It may be said that a sleep-like condition, which is capable in apt subjects of being induced by artificial means or by suggestion, the condition being based upon psychological states of the brain and the nervous system, not yet, however, well understood. During this state the subject is under the influence of the suggestions of the operator. It would appear as if on the part of the subject no degree or volition remains, except that which is originated and determined by the will of the operator.*
>
> *In the present state of our knowledge, however, it is still an open question whether criminal suggestions may be conveyed to hypnotised persons. In fact it is held by some that the execution of improper deeds or crimes cannot be suggested to persons of rectitude or law-abiding persons in the hypnotic state, who are protected from so acting by their moral consciousness.*
>
> *If, however, it is in fact possible in the hypnotic condition to reduce a person to a state in which there is absolute loss of volitional power and incapability of resistance, and utter loss of*

*knowledge of what happens while the person is under its influence then it is clear that such person cannot be held responsible for his acts committed under the influence of such post-hypnotic suggestions. He would be a mere instrument in the hand of the operator, who would be the real and sole offender. Doubt may arise where the subject has voluntarily submitted to the process which a view precisely to committing the crime: it is thought that in such case he would rightly be held answerable."* (Pagna 94 tan-Noti).

Illi l-Qorti ser taghmel ukoll riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis Scerri** moghtija fid-29 ta' Settembru 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (minn liema kawza ma kienx hemm appell) fejn fil-hin li l-imputat Francis Scerri kien qed isuq il-vettura tieghu huwa tajjar lill-persuna ohra u kkaguna l-mewt taghha. L-imputat fil-kawza appena msemmija gie akkuzat b'omicidju nvolontarju u b'sewqan b'velocita' eccessiva, b'manjiera perikoluza, b'manjiera traskurata u bla kont. Irrizulta li Scerri kien ibaghti minn *sleep apnea* pero' t-tobba kienu hasbu li kellu allergija u li l-imputat ma setghax jorqod tajjeb. Jirrizulta wkoll mis-sentenza msemmija li ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar Scerri kien jitheddel tant li kien jinqafel fl-ufficcju tieghu u jistrieh xi nofs siegha u jkompli bix-xoghol. Scerri kien ibaghti minn din il-kundizzjoni madwar sena u nofs, sentejn qabel sehh l-incident stradali li kien nvolut fih izda qatt ma kellu problemi meta kien isuq. Jirrizulta wkoll li dakinhar in kwistjoni kien ra lit-tabib tieghu li qallu li kien ibblokkat kompletament u li kellu bzonn medicina differenti u peress li kien gej il-*weekend*, Scerri ddecieda li fil-*weekend* joqghod gewwa u johrog passiggata bil-kelba u hu hekk ghamel. Scerri spjega li, sa fejn jaf hu, kien qed isuq b'mod normali u mhux bl-ghaggla, kien qieghed jisma' r-radju, u li f'daqqa wahda sab ruhu rasu 'l isfel fil-vettura tieghu marbut bis-*seat belt*. Qal li ma kienx jiftakar x'gara bejn meta kien qieghed isuq u jisma' r-radju sakemm sab lilu nniffsu f'ghalqa rasu 'l isfel fil-vettura. Fil-kawza msemmija xehed it-tabib tal-familja ta' Scerri li qal li huwa qatt ma qal lil Scerri biex ma jsuqx vettura u li l-medicini li kien tah ma kellhom l-ebda *side effect* illi tikkaguna rqad. Fis-sentenza msemmija, l-imputat gie liberat mill-imputazzjonijiet

kollha addebitati fil-konfront tieghu *stante* li l-Qorti ddeciediet li l-Prosekuzzjoni ma kienx irnexxielha tipprova li l-incident in kwistjoni sehh tort ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fis-sewqan u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Scerri u *stante* li gie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-incident stradali in kwistjoni gara tort tal-kundizzjoni medika li kien ibaghti minnha Scerri u gie ppruvat ukoll li Scerri u t-tobba li kienu qeghdin jikkurawh fiz-zmien ta' l-incident lanqas biss kienu jafu illi Scerri kien qieghed ibaghti minn din il-kundizzjoni.

Illi, tul id-depozizzjoni tieghu, il-*Consultant Neurologist* Dr. Norbert Vella spjega bl-aktar mod car id-differenza li tezisti bejn, fuq naha wahda, stat ta' *automatism* li jirrizulta meta ssofri minn epilepsija u, fuq in-naha l-ohra, stat ta' distrazzjoni. Huwa spjega li l-imputat kien ibaghti minn *automatism*.

Illi f'dan l-istadju ghandha ssir riferenza ghall-istat li kien fih l-imputat ezatt wara l-akkadut u ghal dak li huwa qal f'dawk il-hinijiet u dana sabiex il-Qorti tifhem ghala sehh l-akkadut. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Fl-okkorrenza (Dok. "JFS 3" – *a fol.* 8 *et seq.*), wara l-akkadut l-imputat qal is-segwenti: *"Kont qed insuq f'daqqa wahda ma nafx x'gara, u hekk kif qbizt il-Preluna, gie xi hadd ihabbatli xi hadd mat-tieqa tal-karozza fejn dan qalli li tajjart lil persuna. Ipparkjajt u nzilt biex nara u dak il-hin qabditni roda kbira"* (*a fol.* 10).

- Fl-istqarrija (Dok. "JFS 6" – *a fol.* 23 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat l-ghada tal-akkadut, liema stqarrija d-difiza stiednet lill-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni taghha (*a fol.* 249) u dana minkejja li l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti mieghu u dana *stante* li dak iz-zmien il-Ligi ma kinitx tippermetti dan, l-imputat sahaq li huwa jiftakar biss x'gara sakemm wasal quddiem il-hanut Carpisa li jinsab qabel il-hanut tan-Next u li huwa ma jiftakarx x'gara wara.

- L-imputat xehed fuq l-istess linji t'hawn fuq meta xehed quddiem il-Qorti fis-sens li ma jiftakar xejn minn dak il-mument li kien hdejn il-hanut Next sakemm mar ihabbatlu ragel mal-hgiega tal-vettura.

- Meta, wara xi hin dakinhar stess tal-akkadut, l-imputat gie mehud sabiex jittiehdulu *samples* tad-demm u tal-awrina tieghu, apparti l-fatt li huwa ta l-kunsens tieghu sabiex jittiehdu tali *samples*, jirrizulta wkoll li l-imputat instantjament u minn jeddu qal li jiehu l-pilloli *epilim* darba kuljum.

- L-ewwel persuna li tkellmet mal-imputat wara l-akkadut kien certu Cecil Cassar li qal li l-imputat hareg mill-vettura jhares u rega' dahal gewwa, fejn staqsieh (l-imputat lil Cassar) x'kien ghamel, u li l-imputat deher sorpriz b'dak li kien gara.

- PC 1478 Julian Grima u PC 1399 Keith Schembri kienu l-ewwel ufficjali tal-Pulizija li kellmu lill-imputat meta l-imputat waqaf quddiem Ta' Kolina Restaurant. PC 1478 Grima spjega li l-imputat kellu jdejh ma' wiccu u rasu baxxuta u meta staqsa lill-imputat x'kien ghamel, l-imputat qallu li ma kien ghamel xejn. Ghad-domanda maghmula in kontro-ezami jekk l-imputat deherx konfuzx ta' x'gara u ma garax, wiegeb li ra lill-imputat konfuz hafna. Da parte tieghu, PC 1399 Keith Schembri xehed li sema' lil PC 1478 Grima jistaqsi lill-imputat jekk kienx jaf x'kien gara u li *"bil-kalma kollha innega qalilna "jien m'ghamilt xejn" dak il-hin"* (*a fol.* 108).

- PS 1033 Sandro Mangion spjega kif ghal kull domanda li staqsa lill-imputat, l-imputat beda jghidlu: *"Ma nafx x'gara, ma nafx x'gara, ma niftakarx x'gara"* (*a fol.* 65). Jghid li l-imputat qallu li rrealizza li kellu l-vettura mkissra u li kellha hafna hsarat x'hin gie mwaqqaf mill-Pulizija.

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, m'ghandux ikun hemm dubju li l-imputat verament ma kienx jaf x'gara qabel ma gie f'sensieh u waqqaf il-vettura minn jeddu. Ma jirrizulta li kien hemm l-ebda tentattiv da parte tal-imputat li jieqaf qabel tant li fejn

sehh l-akkadut ma kien hemm l-ebda brejkmarks, *tyre marks* jew *skid marks*. Apparti minn dan, l-Espert Buttigieg ma setax jikkonstata' l-velocita' li kien ghaddej biha l-imputat. Ma' dan il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qal wiehed mill-ewwel persuni li ra l-vettura qed tigi misjuqa mill-imputat qabel sehh l-ewwel impatt. *Di fatti, a tempo vergine* fl-okkorrenza, Anthony Vella qal is-segwenti:

> *"Kont tiela' minn Tower Road, Sliema u rajt il-vettura Golf iswed tiela' b'velocita' kbira, habtet ma' karozza fejn il-hanut Riel's Florist u baqa' sejjer ghal Tower Road u kien ghaddej f'nofs ta' triq, f'hin minnhom gibed f'daqqa lejn in-naha tax-xellug tat-triq u tajjar lir-ragel u baqa' sejjer"* (*a fol.* 14).

Illi Anthony Vella xehed fuq l-istess linji meta xehed quddiem l-Espert Tekniku Buttigieg.

Illi dan kollu huwa sintomatiku ma' persuna li filwaqt li qed isuq il-vettura tieghu m'huwiex qieghed kompletament fil-kontroll ta' dik il-vettura. Il-Qorti m'ghandux ikollha dubju li dan sehh minhabba l-kondizzjoni medika li kellu l-imputat u li minnha kien isofri.

Illi f'dan l-istadju il-Qorti ser tghaddi biex tevalwa jekk l-imputat kienx b'xi mod negligenti. Il-Qorti tinnota li, filwaqt li huwa minnu li fil-kaz msemmi aktar il-fuq f'din is-sentenza (cioé **Il-Pulizija vs. Francis Scerri**) gie ppruvat li l-imputat u t-tobba li kienu qeghdin jikkuraw lil Scerri fiz-zmien ta' l-incident lanqas biss ma kienu jafu illi Scerri kien qieghed ibaghti minn *sleep apnea*, pero' fl-istess waqt fil-kawza odjerna jirrizulta li <u>qabel</u> sehh l-incident mertu tal-proceduri odjerni:

- l-imputat kien diga qed jiehu l-medicina u li wahda mill-kollegi li kienet tassisti lil Dr. Norbert Vella rat lill-imputat fl-*outpatients* u giet mizjuda d-doza tal-*epilim* fis-6 ta' Jannar 2015, cioé sitt ijiem qabel sehh l-incident;

- li l-mumenti li l-imputat kien ikollu dak li huwa jsejjah bhala *"vojt go mohhu"* kienu *"sekonda jew tnejn l-aktar* (*a fol.* 195);

- li qatt ma tah *seizure* waqt li kien qed isuq tant li l-imputat jghid: *"Assolutament le lanqas f'daqshekk kobor dejjem sekonda jew tnejn jigifieri xi haga daqshekk kbira qatt ma esperjenzajtha ghax kieku emminni lanqas nimxi fit-triq wahdi ma kont ahseb u ara kemm insuq"* (*a fol.* 199).

Apparti minn dan, ma jirrizultax li Dr. Norbert Vella qattx ta' struzzjonijiet lill-imputat biex ma jsuqx. Huwa jghid: *"Jien ma niftakarx li qatt tajtu jigifieri ma niftakarx"* (*a fol.* 231). Jirrizulta li l-imputat inghata struzzjonijiet ohra x'ma setax jaghmel, fosthom li ma jghumx fil-fond u li ma jitlax fuq slielem. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat inghata struzzjonijiet biex ma jsuqx.

Illi filwaqt li Dr. Norbert Vella xehed li l-imputat kien qed jinghata l-medicina biex jigi kkurat u jigi kkontrollat, huwa spjega wkoll li l-imputat kien imur ta' spiss ghandu. Jirrizulta wkoll li wara l-akkadut l-imputat iddecieda li jmur ikellem lil Dr. Norbert Vella biex jara x'seta' jaghmel u ma qaghadx jistenna l-appuntament li kellu diga skedat ghal xi xhur wara. *Di fatti*, jirrizulta li l-imputat kien lest li jaghmel kollox sabiex isolvi l-kundizzjoni medika tieghu, inkluz li jaghmel operazzjoni delikata u riskjuza f'mohhu, li jirrizulta li rnexxiet. Apparti minn dan, jirrizulta wkoll li l-imputat mar ukoll ghand psikjatra u psikologu.

Illi l-Qorti ma tara l-ebda ness bejn l-uzu ammess tal-*cannabis* tal-imputat u l-kundizzjoni medika msemmija hawn fuq li huwa kien isofri minnha. Ma jirrizultax li l-akkadut sehh minhabba li l-imputat kien jaghmel uzu mill-*cannabis*. Apparti minn dan, *breathalyser test* li sar fuq l-imputat meta ttiehed fl-Ghassa tal-Pulizija rrizulta fin-negattiv. Ma jirrizultax li l-imputat kien fis-sakra.

Illi l-Qorti tabbracja dak li nghad mid-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha fir-rigward tar-rapport redatt minn Mr. Michael Scott-Ham. Apparti l-fatt li l-hin indikat f'dan ir-rapport ta' meta sehh l-incident u ta' meta ttiehdu s-*samples* m'huwiex korrett, fir-rapport tieghu jirrizulta s-segwenti: *"In undertaking the work in this case, I was assisted by staff at Analytical Services International Ltd., St. George's,*

*University of London and the Therapeutic Drug Monitoring Unit, National Centre for Epilepsy, Chalford Centre for Epilepsy and I have taken their contributions into account when I prepared this statement"* (*a fol.* 152).

Illi, tenut kont ta' dan kollu, b'mod specjali l-fatt li hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u tenut kont tal-fatt li, kif inghad aktar kmieni, apparti l-element materjali jrid jigi sodisfatt ukoll l-element formali, ma tirrizulta l-ebda negligenza da parte tal-imputat. Filwaqt li jirrizulta ppruvat li l-incident stradali effettivament sehh pero' mehud in konsiderazzjoni l-fatt li fil-mument tal-akkadut l-imputat kien qieghed taht il-kondizzjoni tal-*black ou*t li tikkreja l-epilepsija, b'hekk l-element formali tar-reat huwa nieqes.

Illi, in segwitu ta' dan kollu, il-Qorti ma tista' qatt issib htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet imsemmija.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni –**
**(Pussess Semplici Ta' *Cannabis*):**

Illi l-Qorti tinnota li l-iSpettur Sultana pprezenta borza li tikkontjeni pakkett tabakk, pakkett karti tat-trembil u bicca zghira sustanza ta' lewn kannella li jghid gew elevati minnu stess dakinhar tal-incident stradali fit-12 ta' Jannar 2015 minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829, liema vettura jirrizulta li hija tal-imputat.

Illi fir-rapport (Dok. "GS 1" – *Envelope Loose*) redatt mix-Xjenzat Godwin Sammut, ix-Xjenzat imsemmi wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

> *"Illi fuq estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 042_17_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piz tas-sustanza kien ta' 0.46 grammi. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101*

*tal-Ligijiet ta' Malta"* (*a fol.* 4 ta' Dok. "GS 1" – *Envelope Loose*).

Illi, apparti minn dan, quddiem il-Qorti l-imputat xehed in ezami li huwa kienu jaghmel uzu mill-*cannabis* u qal ukoll li dan ma kienx b'mod regolari. Il-Qorti ghaldaqstant m'ghandux ikollha dubju li s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, hija biss is-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentement pruvata. L-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- il-fedina penali (Dok. "JFS 2" – *a fol.* 7) tal-imputat (li hija wahda kompletament nadifa);

- in-natura tal-imputazzjoni li giet pruvata; u

- il-fatt li ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana *stante* li l-imputat ser jinstab hati biss ta' pussess semplici ta' *cannabis* liema ammont (cioé 0.46 grammi[2]) jinkwadra fil-parametri ta' Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm inghad, il-Qorti hija obbligata li tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' penali skond kif jipprovdi Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

---

[2] *Vide* rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut.

filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet,

wara li rat

Artikoli 8(a) u 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta

issib lill-imputat Mario Gatt hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-penali ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00). *Ai termini* tal-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li f'kaz li l-hati ma jhallasx din is-somma fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Mario Gatt sabiex fi zmien xahar millum ihallas **biss** l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' mija u tnejn u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€182.71).[3] L-imputat mhuwiex qed jigi kkundannat ihallas l-ispejjez l-ohra *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li huwa gie misjub hati biss tas-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

[3] Xjenzat Godwin Sammut (*a fol.* 4 *tergo* ta' Dok. "GS 1" – *Envelope Loose*) (€182.71).

Finalment, il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni ta' dak li nghad hawn fuq f'din is-sentenza u hadet konjizzjoni wkoll ta' Dok. "A" (*a fol.* 219) u ta' Dok. "X" (*a fol.* 243), tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fic-*charge sheet* fejn gie mitlub sabiex l-imputat Gatt jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan. Il-Qorti tichad ukoll it-talba kontenuta fic-*charge sheet* sabiex jigu applikati l-provedimenti ta' Artikolu 41 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**